**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 1 SARET NHAR**
**L-ERBGĦA 9 TA' LULJU 2014 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Chairperson |
| Simon Stilon | Viċi Chairperson |
| Asha Caroline Caruana | Membru |
| Teresa Valentino | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | Membru |

Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll is-Sindku, Noel Muscat.

**TALBA**

Il-Chairperson qalet t-talba.

## I INTRODUZZJONI MIS-SINDKU

Is-Sindku ringrazzja lil dawk preżenti u awgura lill-membri kollha li ġew eletti. Huwa saħaq li huwa ferm importanti li l-Kunsill flimkien ma' dan il-Kumitat jimxu id f'id sabiex kull resident jkun moqdi aħjar.

## II RESPONSABILTAJIET TAL-MEMBRI

1. Is-Sinj. M. Abela ġiet maħtura bħala ic-Chairperson ta' dan il-Kumitat fil-waqt li s-Sur S. Stilon ġie maħtur bħala Viċi Chairperson. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Ġie deċiż li Chairperson se tkun responsabbli mill-proġetti u minn skemi li joffru fondi mill-Unjoni Ewropea li dan il-Kumitat jista' japplika għalihom filwaqt li L-Viċi Chairperson se jkun reponsabbli għall-manutenzzjoni tat-toroq u sigurta fil-Madliena.

3. Il-Membru T. Valentino se tkun responsabbli mill-affarijiet reletati mal-MEPA kif ukoll li żżomm kuntatt kontinwu mar-residenti tal-Madliena permezz tal-paġna uffiċjali tal-Facebook.

4. Il-Membru G. Leone Ganado se jkun responabbli mill-finanzi u l-ippjanar finanzjajru ta' dan il-Kumitat tul din il-leġislatura.

5. Il-Membru A.C. Caruana se tkun responsabbli mill- indafa u l-ambjent fil-Madliena kif ukoll mill-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

## III APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Ic-Chairperson pproponiet sabiex il-Minuti ta' l-aħħar tas-Seduta tal-Kumitat preċidenti (Nru.40) jiġu approvati. Il-Vici Chair person issekonda.

## IV PROĠETT – HERITAGE TRAIL AROUND MADLIENA FORT

1. Il-Kumitat iddiskuta fid-dettall dan il-proġett u ġie deċiż li ssir applikazzjoni sabiex dan il-proġett jkun jista' jsir. Ic-Chairperson ħadet l-inakirgu ta' dan il-proġett.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Mary Anne Abela |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

## V KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI

1. Il-Membru T. Valentino rrimarkat li l-ħajt ta' quddiem Busietta Gardens jinsab fi stat ferm perikoluż. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-ħajt kien ġa ġie rrapurtat lis-sidien.

2. Il-Membru T. Valentino staqsiet dwar it-tranport pubbliku fil-Madliena. Is-Sindku nforma li din il-materja, huwa personalment kien ġa iddiskutiha ma' l-uffiċċjali tat-Transport Malta pero' kien ġie infurmat li hekk kif jibda' jopera l-operatur il-ġdid se jkun hemm xi bdil fir-rottot.

Din il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm u
sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Awwissu 2014 fil-5pm.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson